MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Frar, 2015

Numru. 26/2015

Il-Pulizija

(Supretendent Paul Vassallo)

(Spettur Anzjan Raymond Aquilina)

vs

George-Joseph Sultana

Anthony Sam Portelli

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anthony Sam Portelli bil-karta tal-identita’ numru 476095 (M) ta’ 33 sena, iben Joseph u Carmen xebba Grima, imwieled Queens, New York, USA nhar l-4 ta’ Gunju, 1981 residenti fil-fond numru 8, Triq Mgarr, Nadur talli ‘wahdu, bhala uffiċjal jew organizzatur u cioe’ bhala ufficjal tal-kumitat tan-Nadur Younsters F.C. aċċetta jew kiseb, jew ftiehem li jaċċetta jew jikseb, jew jipprova jikseb, mingħand xi persuna għalih innifsu jew għal xi persuna oħra tkun min tkun xi rigal jew kumpens sabiex jitħajjar jagħmel, jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ dan l-Att, għamilt jew inqast milli tagħmel, xi ħaġa dwar xi logħba jew sport li fih jew dwaru int kellek x’taqsam, barra minn dak li leġittimament missek tieħu, jew talli wrejt jew eżerċitajt favuri jew mort kontra xi persuna jew naħa f’xi logħba jew sport, jew talli xort’oħra influwenzajt t-tmexxija jew ir-riżultat ta’ xi logħba jew sport, u cioe’ il-loghba tal-football tas-Sibt 7 ta’ Frar 2015 bejn Nadur Younsters F.C.  u Xewkija Tigers F.C.’

Rat l-akkuzi migjuba kontra George-Joseph Sultana bil-karta tal-identita’ numru 881 (G) ta’ 34 sena iben Anthony u Josepine xebba Grech, imwieled Rabat Ghawdex fit-18 ta’ Novembru, 1980 u residenti gewwa l-fond numru 2, Triq Frenc tal-Gharb, Gharb, Ghawdex talli ‘wahdu, ta jew ftiehem li jagħti jew offra jew ippropona lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra għandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri xi rigal jew kumpens lil xi player jew lil xi uffiċjal jew organizzatur biex tħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att Dwar Il-Prevenzjoni Ta’ Xiri Ta’ Players (Kap. 263), għamilt jew inqast milli tagħmel xi ħaġa li, jekk issir jew tonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-istess Att u dan in konnessjoni mal-loghba *football* tas-Sibt 7 ta’ Frar 2015 bejn Nadur Younsters F.C. u Xewkija Tigers F.C.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkonsidraw l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali netta taghhom. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-kooperazzjoni tal-imputati mal-Pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 3 (1), (2) u (3) u 9 (1) (a) tal-Kap. 263 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal multa ta’ elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165) kull wiehed u erba’ (4) xhur prigunerija kull wiehed li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn.

Finalment il-Qorti tordna li l-atti ta’ din il-kawza flimkien ma’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------